MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 229/2013

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif issurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha Nadya Mizzi (ID470681M) sija bil-poza u sija bil-ligi u l-istess Nadya Mizzi**

**vs**

**Baldassare Bugeja (ID 620163M)**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ l-atturi qed jitolbu minghand il-konvenut il-hlas ta' elfejn, erba' mija u hamsa u tletin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€2435.27) in linea ta' danni. Dana wara ncident konsistenti filli fit-3 ta' Novembru 2011, go Triq Dun Guzepp Brighella, Hamrun, xi gebel, statwi u/jew materjal iehor waqa' mill-fond nru 32 fl-istess triq ghal fuq il-vettura nru NAD 288 propjeta' ta' Nadya Mizzi, attrici flimkien mas-socjeta' assikurattrici li hi wkoll attrici f'din il-kawza. Dan kollu sehh meta l-vettura kienet parkjata fejn gara dan l-incident li sehh unikament tort tal-Intimat bhala sid tal-propjeta' in kwistjoni u dana minhabba traskuragni, imperizja, u negligenza fiz-zamma tal-fond in kwistjoni f'kondizzjoni xierqa.

Il-*quantum* mitlub jinkludi €55 imhallsa bhala *excess* fuq il-polza mill-assikurata attrici Nadya Mizzi.

B'RISPOSTA ntqal hekk:-
1. Inkompetenza tat-TRIBUNAL skond art 15 tal-Att dwar l-Arbitragg, para 1.2(b), Taqsima A, Raba Skeda.
2. In kwantu diretta kontra l-eccipjent it-Talba ghandha tigi michuda.
3. L-eccipjent ma jahti b'ebda mod ghad-danni allegati.

B'sentenza tat-30 ta' Jannar 2014 l-ewwel eccezzjoni geit michuda u t-TRIBUNAL ghadda biex jisma l-provi dwar il-mertu.

II PROVI

1. Hawn qed jingiebu biss siltiet mill-provi li izda jitqiesu flimkien ma kulma tressaq quddiem it-TRIBUNAL inkluzi dokumenti u li jinsab fil-process.

2. **Nadya Mizzi** (xhieda *fol* 71/72) qalet li meta harget mid-dar sabet gebel fuq is-saqaf u bonnet tal-vettura. Rat li l-gebel gie minn fuq statwa qisha ta' serduk. Billi riedet tmur ghax-xoghol halliet f'idejn missierha. Il-vettura kienet *comprehensively insured* ma GasanMano Insurance Ltd li hallsu ghat-tiswija. Id-dar tidher fid-Dok BB1 u 2 (*fol* 77/78)

3. **Mario Mizzi** kkonferma r-ritratti GM 15-21 *a fol* 19 li ttiehdu minn ibnu. Hu cempel l-Ghassa. In kontro ezami qal li safejn jiftakar f'dik id-dar familja Maltija u wara xi Gharab. Is-serduk li nkiser kif fuq dik id-dar; hu joqghod hemm.

4. **Philip Attard**, surveyor mas-Socjeta' Assikuratrici Attrici ikkonferma d-dokumenti esibiti in kwantu kienu ta' survey, ritratti tal-hsara u spejjes u kkonferma l-htiega tat-tiswijiet li awtorizza (ara *fol* 73/74). **Andrew Mamo** ghas-Socjeta' Attrici kkonferma dak li sar fuq il-vettura minnhom assikurata.

5. **Roderick Borg** ikkonfrma x-xoghol – Dok GM14 *a fol* 18 li sar minnu fuq il-vettura (*fol* 74).

6. **PC 765 Paul Vella** qal li xi t-8am tat-3/11/2011 Mario Mizzi rraporta li kien hemm nicca mal-fond 32, Triq Brighella, Hamrun li waqghet u spiccat fuq il-vettura Fiat Punto NAD-228. Hu ma marx fuq il-post; marret WPC 219 Erica Abela li ghamlet l-investigazzjoni. Hu esibixxa r-Rapport Dok PV1 *a fol* 83.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Nadya Mizzi m'ghamlet xejn hazin meta pparkjat il-Fiat fejn ipparkjata, faccata tal-bini mnejn irrizulta li waqghet l-istatwa tas-serduk u l-bicciet gew fuq il-Fiat u fil-madwar.

2. Meta wiehed ihares lejn ir-RISPOSTA, isib li l-Konvenut b'ebda mod ma qal li hu ma kellux x'jaqsam mal-fond fejn kienet u mnejn waqghet l-istatwa u Mario Mizzi hu bniedem residenti tal-inhawi (wara kollox bhal bintu ko-attrici). B'sens ta' gustizzja u gwidat mhux inqas minn principji ta' ekwita' kif hu obbligat jaghmel statutorjament it-TRIBUNAL iqis li l-Atturi daru fuq min kellhom iduru ghall-hsara. Min ikollu statwa tal-gebel mal-fond tieghu irid jara li din tinzamm fi stat tajjeb. Jitqies ukoll li b'ebda mod il-Konvenut ma tefa xi dubbju serju fuq il-*quantum* mitlub.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL **jiddeciedi** (1) billi **jichad** l-eccezzjonijiet l-ohra wara li jqis li dik dwar kompetenza ga giet michuda (2) **jilqa** t-Talba Attrici u (3) jghaddi biex, **jikkundanna** lill-Konvenut biex fi zmien ghoxrin jum mill-lum il-Konvenut ihallas elfejn, tlett mija u tmenin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€2380.27) lil GasanMamo Insurance Limited u hamsa u hamsin Ewro (€55.00c) lil Nadya Mizzi b'dana li jekk ma jsirx il-hlas fiz-zmien imsemmi jibda ghaddej l-imghax mil-lum stess sal-jum tal-pagament effettiv u (4) **jikkundanna** lill-Konvenut ihallas l-ispejjes tal-kawza u dawk l-ohra msemmija fl-AVVIZ.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------